# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 281/01**

**Numru 31**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**Martin Cilia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltija u seba' u tletin centezmu (Lm519.37,0) rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut, kif jidher mill-Istatements annessi mal-avviz bhala Dokument A u B.

Bl-imghax mit-30 ta' Ottubru 2000 u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' Lm5 tal-konsult kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm519.37,0 bl-imghax legali mill-5 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm5 tal-konsult.

Alan Calleja
Dep.Reg